# Kunsill Lokali Il-Gżira

283/1 Triq D'Argens, Il-Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg6/A16-13

15 ta’ Mejju 2013

**Avviż tal-Laqgħa Nru Klg6/16**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar **it-Tnejn 20 ta’ Mejju 2013, fil-5.00 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Il-Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta’ Skeda ta’ Ħlasijiet
5. Mozzjoni
6. Diskussjoni u Approvazzjoni tal-*First Quarterly Report*
7. Diskussjoni u Approvazzjoni tat-*Tenders*: *GLCT001/2013 - Pick Up Truck/Van* u *GLCT002/2013 – Pavements & Kerbs*
8. Bdil ta’ Dekasteri tal-Kunsilliera
9. Affarijiet Oħra
10. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skont il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Roberto Cristiano
Sindku

Hugh Zammit
Aġent Segretarju Eżekuttiv

**20 ta' Mejju 2013**

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI GŻIRA**

**SEDUTA NUMRU 15**

**IT-TNEJN 22 T' APRIL 2013 FIL-5PM FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

Roberto Cristiano – Sindku – Joe Galea – Viċi-Sindku – l-Kunsillieri Vincenza Attard, Joe Camilleri, Charles Micallef St. John, Joseph M. Muscat u Victor Rutter

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1. Il-Minuti tas-Seduta Numru 15 ġew approvati kif emmendati. Is-Sindku ppropona fil-waqt li l-Kunsillier Joe Camilleri ssekonda.

## 2. Punti li joħorġu mill-Minuti

Mill-Kunsillier Joe Camilleri

Il-Kunsillier informa li flimkien ma' rappreżentant tal-Perit tal-Kunsill kien sar *site-meeting* rigward ix-xogħlijiet ta' bankini fi Triq Manoel de Vilhena fejn irriżulta li ħafna mill-kurduni huma fi stat tajjeb u għaldaqstant m'għandhomx jinbidlu. Kull m'għandu jinbidel huwa l-wiċċ tal-bankina. Huwa kompla jgħid, li hu diversi drabi prova jagħmel kuntatt mal-Perit tal-Kunsill rigward il-*Health & Safety*, pero' kien infurmat li dan kien imsiefer.

## 3. Korrispondenza

Is-Sindku ppreżenta l-korrispondenza li kienet waslet sat-22 t'April 2013

**3.1** Il-Kunsill ġie nfurmat li kienet waslet korrispondenza mit-*Transport Malta* sabiex titneħħa *Reserved Parking* minn Triq Ponsonby minħabba li l-persuna ġiet nieqsa.

**3.2** Inqrat proposta mibgħuta mill-*MEPA* dwar *open car park* fi Triq Dott. Guze' Miceli.
Dwar din il-korrispondenza, l-Kunsill kkonkluda li għandu jsir appuntament mal-Ministru kkonċernat.

**3.3** Inqrat ittra mibgħuta mill-*Malta Chamber of Commerce* dwar protesta għas-sistema ta' *Residential Parking Scheme* li dalwaqt kienet ser tiġi ntrodotta fil-lokalita.'

**3.4** Mingħand il-Perit Edwin Mintoff. Dan qed jitlob approvazzjoni sabiex jarma *Tower Crane* fi Triq Moroni għal raġunijiet ta' kostruzzjoni.
Il-Kunsill qabel unanimament li ma' jsib ebda oġġezzjoni għal din it-talba sakemm it-*tower crane* jintrama fuq is-sit u mhux fuq parti mit-triq u l-bankina.

**3.5** Mill-*Bank of Valletta* – Il-Kunsill ġie nfurmat li b'mod temporanju kienet ser tiġi trasferita l-fergha tal-bank fi Triq Msida u kienet qed tintalab l-approvazzjoni għall-kostruzzjoni ta' rampa għall-persuni bi bżonnijiet speċjali.

Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel unanimament li ma jsib ebda oġġezzjoni għal din ir-rampa sakemm din issir mill-bieb il-ġewwa u mhux fuq il-bankina minħabba li din tista' tkun ta' ostakolu għall-persuni li jagħmlu użu minnha.

**3.6** Mingħand l-Avukat Ġenerali dwar spejjeż legali 'Ċit. Nru1549/01 GV – Direttur tad-Dipartiment tal-Bini u Inġinerija vs Emanuel Zarb et'

Dwar din il-korrispondenza l-Kunsill talab li din għandha tintbagħat lill-Avukat tal-Kunsill flimkien mal-kuntratt li kien sar ma' Emanuel Zarb.

**3.7** Mingħand MCCAA rigward spezzjonijiet li jibdew isiru minn żmien għal żmien fil-Ġnien tal-lokalita.'

Il-Kunsill kkonkluda li huwa mportanti li meta ssir din l-ispezzjoni għandu jkun preżenti l-Kunsillier Joe Camilleri flimkien ma' l-Inġinier tal-Kunsill. Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li kien diġa' sar rapport dwar l-istat tal-Ġnien u tal-bandli u li hu kien ser jieħu l-inkarigu li jagħmel kuntatt ma' l-inġinier u jibda jiġbor kwotazzjonijiet għall-ħsarat.

**3.8** Tressqet kwotazzjoni mibgħuta mid-ditta J.F. Mallia dwar tiswijja ta' dawl fi Pjazza Meme' Scicluna liema ammont tal-kwotazzjoni hu ta' €991.20.

Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li dan ix-xogħol għalissa ma jsirx.

**3.9** Il-Kunsill qabel unanimament li żewġ ittri dwar allegat ta' ħsarat li saru f'vetturi meta s-sewwieqa saqu fil-lokalita' għandhom jintbagħatu għall-attenzjoni ta' l-Avukat tal-Kunsill.

**3.10** Rigward talba mingħand resident sabiex isiru *double yellow lines* quddiem il-garaxxijiet, il-Kunsill iddeċieda li din it-talba għandha tintbagħat lit-*Transport Malta*.

**Sejħa għall-Offerti**

Is-Sindku nforma li:

Sejħa għall-Offerti *GLCT 001/2013 – Tender for the Provision of l Pick Up Truck/Van including the provision of lightbar – amber preinstalled with low emissions*

Sejħa għall-Offerti *GLCT 002/2013 – Tender for Pavements & Kerbs using environmentally sound construction methods and materials*

li d-data ta' l-għeluq kienet fid-19 t'April 2013, kienu qed jiġu aġġudikati.

**Bord ta' Aġġudikazzjoni**

Is-Sindku nforma li s-Sur George Carbone ma setax jibqa' membru tal-Bord ta' l-Aġġudikazzjoni minħabba mpenn ieħor. Huwa kompla jgħid, li kien avviċina żewġ persuni li kienu nteressati pero' dawn riedu jiġu approvati mill-Kunsill li huma s-Sur Dunstan Attard u s-Sur Winston Muscat.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li kemm is-Sur Dunstan attard kif ukoll, s-Sur Winston Muscat jiffurmaw parti mill-Bord ta' l-Aġġudikazzjoni.

**5. Approvazzjoni t'Aġġustamenti *Audit* 2012**

l-A/Segretarju Eżekuttiv qara l-aġġustamenti kollha li saru mill-Awdituri tal-Gvern – Audit 2012.

Wara diskussjoni qasira, l-aġġustamenti ġew approvati unanimament b'mozzjoni mressqa mis-Sindku, ssekondata mill-Kunsillier J.M. Muscat.

**6. Għeluq tal-Kuntratt ta' l-*Activities Centre***

Is-Sindku nforma li l-kuntratt għall-kiri tas-sala soprcitata kien ta' €9,500 fis-sena. Hu kompla jgħid li la darba s-sala tal-Komunita' tnaddfet mill-kaxxi ta' l-arkivjar, din tista' tintuża għall-attivitajiet kollha li l-Kunsill jorganizza. Il-Kunsill huwa magħmar b'lift u għaldaqstant jista' jakkomoda kemm persuni anzjani kif ukoll persuni bi bżonnijiet speċjali.
Is-Sindku qal ukoll, li din is-sena ser isir l-akwist ta' sala li tinsab fis-*Savoy Gardens* liema sala tkun tista' tintuża għall-attivitajiet u b'hekk il-Kunsill jiffranka s-somma ta' €9,500.00.

Wara diskussjoni qasira, fejn kull Kunsillier kellu l-opportunita' jesprimi l-opinjoni tiegħu, l-Kunsill b'ħames voti favur, wieħed kontra u ieħor astjena qabel li dan il-kuntratt ma jiġix mġedded.

**Kommunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku qal li fl-opinjoni tiegħu, l-attivita' *Summer Music Nights* għandha ssir fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa u anke jintalbu xi donazzjonijiet.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li din għandha tibqa' ssir fix-Xatt minħabba l-fatt li din iż-żona hija aktar ffrekwentata kemm mir-residenti kif ukoll, mit-turisti li jiġu jżuruna.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li din l-attivita tibqa' ssir fix-Xatt u l-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Joe Camilleri ħadu l-inkarigu sabiex iduru l-istabbilimenti dwar il-possibilita' ta' donazzjonijiet.

Fis-7.20 p.m. l-Kunsillier Charles Micallef St. John talab biex ikun skużat minħabba mpenn ieħor.

**Mill-Kunsillier J.M. Muscat**

Il-Kunsillier informa li kien qed ikollu ħafna lmenti mingħand residenti dwar storbju li kien qed isir min żgħażagħ sa tard bil-lejl fil-ġnien ta' Pjazza Meme' Scicluna.

Il-Kunsillier Joe Camilleri rrimarka li kellu rapporti ta' drogi u fil-fatt instabu xi siringi u għalhekk ha l-inkarigu li jikkomunika mal-pulizija.

Il-Kunsillier J.M. Muscat ppreżenta rapport ta' ħidma (ara *appendix* Nru: 1)

**Mill-Kunsillier Joe Camilleri**

Il-Kunsill qal li għandu nformazzjoni li xi persuni qed jilbsu ta' kenniesa u jduru mat-toroq u jippruvaw jidħlu fil-propjeta' tar-residenti. Huwa kompla jgħid, li kien ha l-inizjattiva u rrapporta dan il-każ lill-Pulizija.

Il-Kunsillier irrefera għall-użu tal-latrina pubblika fix-Xatt fil-viċinanzi tal-gabbana u kien qed jissuġġerixxi li din il-latrina għandha tiġi miżmuma u mnaddfa mill-propjetarji tal-gabbana u dan minħabba l-fatt li din qed tintuża minn nies li jiffrekwentaw din il-gabbana.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament ma' dak li ssuġġerixxa l-Kunsillier pero' jrid isir kuntatt ma' l-Avukat tal-Kunsill u jiġu stabbiliti l-konsegwenzi legali.

Huwa kompla jgħid li l-kuntrattur li qed jaħdem bil-*crane* fi Triq Cameron k/ma' Triq Manoel de Vilhena kien qed joħroġ l-*outriggers* tal-*crane* fuq il-bankina b'konsegwenza tal-fatt, li dawn qed jagħmlu ħsarat fl-*inspection covers* kif ukoll fil-*concrete* tal-bankina.

Ġie konkluż li f'dan il-każ, il-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni tal-*Wardens*.

**Mill-Kunsillier Victor Rutter**

Il-Kunsillier qal li fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa kien hemm diversi bozoz maqtugħin kif ukoll globi miksura li kien diġa' għamel rapport il-Kunsill u talab biex it-tiswijiet isiru mill-aktar fis possibbli.

## 4. Approvazzjoni ta' Xiri u Pagamenti

L-A/Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li mill-aħħar skeda ta' Ħlasijiet jiġifieri minn Nru: 605 sa Nru: 641, r-*request sheets* Nru: 639 – 640 641 – *Polidano Bros Ltd* ġew ikkanċellati u *request sheet* oħra ta' pagament wieħed ser tidher fl-iskeda ta' ħlasijiet tal-laqgħa li jmiss.

Il-Kunsill approva unanimament b'mozzjoni mressqa mis-Sindku ssekondata mill-Viċi-Sindku l-iSkeda tal-Ħlasijiet jiġifieri minn Nru: 639 sa Nru: 672 (ara *appendix* Nru:2).

## 9. Affarijiet Oħra

Billi ma kienx hemm affarijiet oħra għad-diskussjoni, l-laqgħa ntemmet fis-8.00 p.m.

**10 Laqgħa Oħra**

Il-laqgħa ġiet aġġornata għat-Tnejn 20 ta' Mejju 2013 fil-5.00 p.m.

| | |
|---|---|
| Roberto Cristiano | Hugh Zammit |
| Sindku | A/Segretarju Eżekuttiv |

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **Klg6/16**

## Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Laqgha Klg6/16 - 20.05.2013** **Data:** **23.04.2013 - 20.05.2013**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | WasteServ Malta Ltd | €4,064.39 | €3,470.42 | D | | Allocated MSW Waste January 2013 | 15.02.2013 | 032715 | 673 | | | |
| 2 | WasteServ Malta Ltd | €4,064.39 | €3,470.42 | D | | Allocated MSW Waste February 2013 | 15.03.2013 | 033936 | 674 | | | |
| 3 | WasteServ Malta Ltd | €4,064.39 | €3,470.42 | D | | Allocated MSW Waste March 2013 | 15.04.2013 | 034568 | 675 | | | |
| 4 | WasteServ Malta Ltd | €4,064.39 | €3,470.42 | D | | Allocated MSW Waste March 2013 | 15.05.2013 | 035632 | 676 | | | |
| 5 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €304.28 | €304.28 | T | | Traffic Signs & Mirror Job No: 9760 | 10.04.2013 | 17843 | 677 | | | |
| 6 | Borg Hardware Store | €137.30 | €137.30 | D | | Maintenance in the Locality | 05.03.2013 | 113 | 678 | | | |
| 7 | ARMS Ltd | €75.03 | €75.03 | D | | Act. Centre 12.12.2012 - 22.02.2013 | 06.04.2013 | 16700287 | 679 | | | |
| 8 | Melita plc | €244.67 | €244.67 | D | | Telephone usage & internet 08.04.2013 -07.05.2013 | 08.04.2013 | 33883372 | 680 | | | |
| 9 | Stardelta Hardware Store | €287.02 | €287.02 | D | | Maint of Locality E.T.C & MRRA | 24.04.2013 | 6658859 | 681 | | | |
| 10 | Stardelta Hardware Store | €22.75 | €22.75 | D | | Maint of Locality E.T.C. | 29.04.2013 | 6658860 | 681 | | | |
| 11 | Stardelta Hardware Store | €263.67 | €263.67 | D | | Maint of Locality ETC & MRRA | 29.04.2013 | 6658861 | 682 | | | |
| 12 | Stardelta Hardware Store | €23.70 | €23.70 | D | | Maint of Locality | 29.04.2013 | 6658862 | 682 | | | |
| 13 | Squire Bookshop | €68.90 | €68.90 | D | | Newspapers for the month of April 2013 | 29.04.2013 | 905 | 683 | | | |
| 14 | Big Friends Guggen Musik | €1,000.00 | €1,000.00 | D | | Attivita' 29.12.12 | 29.04.2013 | | 684 | | | |
| 15 | Grupp Mużikali Trinita Qaddisa | €100.00 | €100.00 | D | | Attivita 29.12.2012 | 29.04.2013 | | 685 | | | |
| 16 | MITA | €24.84 | €24.84 | D | | e-mail accounts Jan to March 2013 | 25.04.2013 | SIN027965 | 686 | | | |
| 17 | Env. L/scapes Cons. Ltd | €2,214.29 | €2,214.29 | T | | Maint of Soft Areas - April 2013 | 30.04.2013 | 009638 | 687 | | | |
| 18 | GO plc | €65.69 | €65.69 | D | | 21334254 & 21341034 Calls March Rent April 2013 | 11.042013 | 32230880 | 688 | | | |
| 19 | GO plc | €21.61 | €21.61 | D | | 21341616 - Calls March Rent April 2013 | 11.04.2013 | 32230884 | 689 | | | |
| 20 | GO plc | €62.46 | €62.46 | D | | 21322157 - Calls March Rent April 2013 | 11.04.2013 | 32231398 | 690 | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€21,173.77** | **€18,797.89** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€21,173.77** | **€18,797.89** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **Klg6/16**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Laqgħa Klg6/16 - 20.05.2013** **Data:** **23.04.2013 - 20.05.2013**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | EcoPure Ltd | €12.74 | €12.74 | D | | Consumables Adm Office | 02.05.2013 | 542850 | 691 | | | |
| 22 | Simlers' Confectionery | €116.30 | €116.30 | D | | Attivita' 10.05.2013 | 06.05.2013 | 5009 | 692 | | | |
| 23 | Megabyte Solutions | €88.50 | €88.50 | D | | Service Call | 29.04.2013 | 50132 | 693 | | | |
| 24 | ARMS Ltd | €225.67 | €225.67 | D | | 283/1 Rue D'Argens 19.02.2013 - 05.04.2013 | 06.05.2013 | 16830491 | 694 | | | |
| 25 | G4S Security Serv. Ltd | €141.60 | €141.60 | D | | Cash In Transit - April 2013 | 30.04.2013 | GS007401 | 695 | | | |
| 26 | The Toolbox | €5.13 | €5.13 | D | | Maint Adm Office | 22.04.2013 | 11822 | 696 | | | |
| 27 | The Toolbox | €68.80 | €68.80 | D | | Maint of Bus Shelter | 02.05.2013 | 11846 | 696 | | | |
| 28 | The Toolbox | €15.66 | €15.66 | D | | Maint of Bus Shelter | 03.05.2013 | 11848 | 697 | | | |
| 29 | The Toolbox | €5.15 | €5.15 | D | | Maint of Bollards | 06.05.2013 | 11855 | 696 | | | |
| 30 | The Toolbox | €9.76 | €9.76 | D | | Maint of Bollards | 07.05.2013 | 11863 | 696 | | | |
| 31 | TACC Trading Co Ltd | €15.00 | €15.00 | D | | Electric Kettle for Adm Office | 16.05.2013 | 1425 | 697 | | | |
| 32 | Squire Bookshop | €37.27 | €37.27 | D | | Stationery | 14.05.2013 | 9656 | 698 | | | |
| 33 | SRF Cleaning Services | €378.52 | €378.52 | T | | Street Sweeping on Sundays - March 2013 | 29.04.2013 | 13-2976 | 699 | | | |
| 34 | SRF Cleaning Services | €4,588.85 | €4,588.85 | T | | Street Sweeping-g/cutting March 2013 | 29.04.2013 | 13-2977 | 700 | | | 8327 |
| 35 | SRF Cleaning Services | €378.52 | €378.52 | T | | Street Sweeping on Sundays - April 2013 | 10.05.2013 | 13-2984 | 701 | | | |
| 36 | SRF Cleaning Services | €4,588.85 | €4,588.85 | T | | Street Sweeping-g/Cutting - April 2013 | 10.05.2013 | 13-2985 | 702 | | | |
| 37 | Besteam-BE Support Team Ltd | €531.00 | €531.00 | D | | Attivita' 29.12.2013 | 31.12.2012 | 2613 | 703 | | | |
| 38 | Liliana Risiott | €30.00 | €30.00 | D | | Artiklu re Kurt Friggieri - Impenn | 13.05.2013 | GZ022013 | 704 | | | |
| 39 | ARMS LTD | €460.65 | €460.65 | D | | Promenade Gdns 27.11.2012 - 26.03.2013 | 07.05.2013 | 16843074 | 705 | | | |
| 40 | ARMS Ltd | €431.01 | €431.01 | D | | Gzira Gdns 27.11.2012 - 26.03.2013 | 07.05.2013 | 16843073 | 706 | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€12,128.98** | **€12,128.98** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€21,173.77** | **€18,797.89** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€33,302.75** | **€30,926.87** | | | | | | | | | |

Sindku Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **Klg6/16**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Laqgħa Klg6/16 - 20.05.2013** **Data:** **23.04.2013 - 20.05.2013**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | J.F. Mallia Ltd | €467.03 | €467.03 | D | | New Street Light-Demarcation-Floodlights | 15.05.2013 | 904 | 707 | | | |
| 42 | J.F. Mallia Ltd | €250.73 | €250.73 | D | | Street Light April 2013 - Job No: 291/292 | 08.05.2013 | 897 | 708 | | | |
| 43 | J&K Contractors | €180.50 | €180.50 | T | | Repair C/Strip-Aluminium bin | 13.05.2013 | 1370-13 | 709 | | | |
| 44 | J&K Contractors | €646.00 | €646.00 | T | | Supply & Install bollards & Poles | 13.05.2013 | 1368-13 | 710 | | | |
| 45 | J&K Contractors | €2,056.80 | €2,056.80 | T | | Supply & Deliver Tarmac-Cement-Sand | 13.05.2013 | 1369-13 | 711 | | | |
| 46 | Borg Hardware Store | €32.00 | €32.00 | D | | Cement u Ramel | 17.05.2013 | 114 | 712 | | | |
| 47 | The Toolbox | €67.91 | €67.91 | D | | Maint U-shapes & Bollards | 09.05.2013 | 11869 | 713 | | | |
| 48 | Mr Em. Mifsud | €5,590.50 | €5,590.50 | T | | Door to Door Collection - May 2013 | 31.05.2013 | 76 | 714 | | | |
| 49 | Mr. Em. Mifsud | €432.87 | €432.87 | T | | Skip Hire - May 2013 | 31.05.2013 | 77 | 715 | | | |
| 50 | Mr. Em. Mifsud | €836.06 | €836.06 | T | | Public Convenience - May 2013 | 31.05.2013 | 78 | 716 | | | |
| 51 | Mr. Em. Mifsud | €1,056.49 | €1,056.49 | T | | Bulky April - 193 Calls | 31.05.2013 | 79 | 717 | | | |
| 52 | Ms Alexandra Galea | €375.00 | €375.00 | Q | | Crarft Lessons - May 2013 | 31.05.2013 | 43 | 718 | | | |
| 53 | R.S. L. | €1,239.69 | €1,239.69 | T | | 10% Retention Money Coleridge & Cottoner | 18.05.2013 | rfpglc01/13 | 719 | | | |
| 54 | R.S. L. | €691.84 | €691.84 | T | | 10% Retention Immac. Conception | 18.05.2013 | rfpglc02/13 | 720 | | | |
| 55 | Polidano Bros Ltd | €18,099.03 | €18,099.03 | T | | Re-Surfacing Works Ponsonby & Stuart PPP- 20% | 11.04.2013 | rfp001383 | 721 | | | 8269 |
| 56 | Gzira Local Council | | | | | Honoraria | | | | | | |
| 57 | Gzira Local Council | | | | | Wages | | | | | | |
| 58 | | | | | | | | | | | | |
| 59 | | | | | | | | | | | | |
| 60 | | | | | | | | | | | | |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€32,022.45** | **€32,022.45** |
| **Sub Total b/f** | **€33,302.75** | **€30,926.87** |
| **Total** | **€65,325.20** | **€62,949.32** |

Sindku Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier Kunsillier